Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' April 2022
(OR. en)

8529/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0117(COD)

JUSTCIV 51
FREMP 82
AUDIO 35
JAI 546
CODEC 565

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' April 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 177 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni ta’ persuni li jinvolvu ruħhom f’parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi (“Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika”) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 177 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 177 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.4.2022
COM(2022) 177 final

2022/0117 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")

{SWD(2022) 117 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa wkoll *strategic lawsuits against public participation* (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew "SLAPPs") huma fenomenu reċenti iżda dejjem aktar prevalenti fl-Unjoni Ewropea. Dawn huma forma partikolarment dannuża ta' fastidju u intimidazzjoni użati kontra dawk involuti fil-protezzjoni tal-interess pubbliku. Dawn huma proċedimenti ġudizzjarji infondati jew eżaġerati mibdija tipikament minn individwi b'saħħithom, gruppi tal-illobbjar, korporazzjonijiet u organi tal-Istat kontra partijiet li jesprimu kritika jew jikkomunikaw messaġġi li huma skomdi għall-atturi, dwar materja ta' interess pubbliku. L-għan tagħhom huwa li jiċċensuraw, jintimidaw u jsikktu lill-kritiċi billi jgħabbuhom bl-ispiża ta' difiża legali sakemm jabbandunaw il-kritika jew l-oppożizzjoni tagħhom. Għall-kuntrarju ta' proċedimenti regolari, l-iSLAPPs ma jinfetħux bil-ħsieb li jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja u l-iskop li jintrebħu l-proċedimenti ġudizzjarji, jew li jinkiseb rimedju. Minflok, dawn jinfetħu sabiex jiġu intimidati l-konvenuti u sabiex jiġu moħlija r-riżorsi tagħhom. L-għan aħħari huwa li jinkiseb effett dissważiv, li l-konvenuti jiġu msikkta u li dawn jiġu skoraġġuti milli jkomplu x-xogħol tagħhom.

Persuni fil-mira tipiċi tal-iSLAPPs huma l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn ma jinkludux biss persuni individwali iżda wkoll entitajiet tal-media u tal-pubblikazzjoni u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal dawk involuti fl-attiviżmu ambjentali. Persuni oħrajn involuti fil-parteċipazzjoni pubblika bħar-riċerkaturi u l-akkademiċi wkoll jistgħu jkunu fil-mira.

Demokrazija sana u li tiffunzjona teħtieġ li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattitu pubbliku mingħajr interferenza bla bżonn mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn interessi b'saħħithom oħrajn. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti, iċ-ċittadini jeħtiġilhom jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni affidabbli, li tippermettilhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom stess u jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom stess fi spazju pubbliku li fih jistgħu jiġu espressi fehmiet differenti b'mod liberu.

Il-ġurnalisti għandhom rwol essenzjali fl-iffaċilitar tad-dibattitu pubbliku u fl-għoti ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. Jeħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokraziji Ewropej. Il-ġurnalisti investigattivi għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-estremiżmu. Hija meħtieġa sistema robusta ta' salvagwardji sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom bħala gwardjani dwar materji ta' interess pubbliku leġittimu. Ix-xogħol tagħhom iġib miegħu riskji partikolarment għoljin u qed jesperjenzaw għadd dejjem akbar ta' attakki u fastidju. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom rwol kritiku fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. Dawn għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni.

L-iżbilanċ tal-poter bejn il-partijiet fejn l-attur ikollu pożizzjoni aktar b'saħħitha mill-konvenut - pereżempju finanzjarjament jew politikament - spiss huwa karatteristika tal-iSLAPPs. Filwaqt li mhux dejjem ikun il-każ, meta jkun preżenti dan l-iżbilanċ ta' poter jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-potenzjal tal-iSLAPPs li jipproduċu konsegwenzi dannużi għall-persuni fil-mira, b'effetti dissważivi għad-dibattitu pubbliku b'riżultat ta' dan.

L-iSLAPPS jista' jkollhom effett ta' deterrent ukoll fuq persuni fil-mira oħrajn potenzjali, li jistgħu jiddeċiedu li ma jasserixxux id-dritt tagħhom li jinvestigaw u jirrapportaw materji ta' interess pubbliku. Dan jista' jwassal għall-awtoċensura.

L-iSLAPPs jikkostitwixxu abbuż mill-proċedimenti ġudizzjarji u jpoġġu piżijiet bla bżonn fuq il-qrati. L-entitajiet u l-individwi li jiftħu l-iSLAPPs jistgħu jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq diversi raġunijiet. L-allegazzjonijiet spiss ikunu relatati ma' malafama, iżda huma relatati wkoll ma' ksur ta' regoli jew drittijiet oħra (eż. il-protezzjoni tad-*data* jew il-liġijiet dwar il-privatezza). Dawn spiss jiġu kkombinati ma' talbiet għad-danni/responsabbiltà jew xi drabi ma' inibizzjonijiet (il-projbizzjoni jew tal-anqas id-dewmien tal-pubblikazzjoni).

Il-prevalenza tal-iSLAPPs ġiet identifikata bħala materja ta' tħassib serju f'xi Stati Membri fil-kuntest tar-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt tal-2020 u tal-2021.

Il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti[1] wkoll tirrapporta numru li qed jiżdied ta' allerti ta' theddid serju għas-sikurezza tal-ġurnalisti u l-libertà tal-media fl-Ewropa, inklużi każijiet multipli ta' intimidazzjoni ġudizzjarja. Ir-Rapport Annwali tal-2021 tal-assoċjazzjonijiet sħab għall-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti jenfasizza ż-żieda notevoli f'allerti relatati ma' SLAPP irrapportati fl-2020 matul is-sena preċedenti, kemm fin-numri ta' allerti kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-ġuriżdizzjonijiet tal-istati membri kkonċernati tal-Kunsill tal-Ewropa[2]. B'mod aktar ġenerali, l-informazzjoni miġbura fuq l-Għodda Ewropea għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media[3] turi wkoll deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti. Fl-2021, il-Media Freedom Rapid Response (Rispons Rapidu għal-Libertà tal-Media, MFRR) iddokumenta 439 allert (b'778 persuna jew entità marbuta mal-media li sfaw attakkati) f'24 Stat Membru tal-UE fi 12-il xahar, inkluż bi SLAPPs[4].

Filwaqt li hemm aktar *data* disponibbli dwar it-theddid tal-iSLAPPs kontra l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, atturi oħrajn involuti fil-parteċipazzjoni pubblika, bħall-attivisti tat-trade unions u l-akkademiċi, qegħdin jiffaċċjaw problemi simili. Dan ġie indikat f'għadd ta' kontribuzzjonijiet tas-soċjetà ċivili riċevuti fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa.

---

[1] Sa mill-2015, il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa ffaċilitat il-kompilazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar tħassib serju dwar il-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti fl-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa. L-Organizzazzjonijiet Sħab Kontribwenti – NGOs u assoċjazzjonijiet tal-ġurnalisti internazzjonali mistiedna – joħorġu allerti dwar il-ksur tal-libertà tal-media u jippubblikaw rapporti annwali dwar is-sitwazzjoni tal-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti fl-Ewropa. L-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa huma mistennija li jaġixxu u jindirizzaw il-kwistjonijiet u jinfurmaw lill-Pjattaforma dwar l-azzjonijiet meħuda b'risposta għall-allerti. Ir-rata baxxa ta' reazzjoni minn stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, li fosthom hemm Stati Membri tal-UE, turi kemm hemm ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri. https://www.coe.int/en/web/media-freedom.

[2] Fl-2021, ġew ippubblikati 282 allert fuq il-Pjattaforma biex jiġu promossi l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti (coe.int), u fost dawn, bosta minnhom kienu jikkonċernaw każijiet ta' intimidazzjoni ġudizzjarja, jiġifieri l-użu opportunistiku, arbitrarju jew vessatorju tal-leġiżlazzjoni, inklużi l-malafama, il-miżuri kontra t-terroriżmu, is-sigurtà nazzjonali, il-ħuliganiżmu jew liġijiet kontra l-estremiżmu. Ir-Rapport Annwali tal-2021 mill-organizzazzjonijiet sħab għall-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti nnota żieda fl-2020 meta mqabbel mas-sena preċedenti, kemm fin-numri ta' allerti kif ukoll fil-ġuriżdizzjonijiet tal-istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa kkonċernati - 1680a2440e (coe.int).

[3] https://cmpf.eui.eu/media-pluralism-monitor

[4] https://www.ecpmf.eu/wp-content/uploads/2022/02/MFRR-Monitoring-Report.pdf. Skeda informattiva separata tipprovdi *data* dwar is-27 Stat Membru tal-UE. https://www.mfrr.eu/wp-content/uploads/2022/02/2022_02_17_MFRR_FACT_SHEET_MAPPING_MEDIA_FREEDOM_European_Union_Member_States_Year_2021.pdf.

Ħafna SLAPPs iseħħu f'kuntest domestiku u ma għandhomx implikazzjonijiet transfruntieri. Madankollu, SLAPPs spiss ikunu ta' natura transfruntiera u fejn ikunu jeżistu implikazzjonijiet transfruntiera, dawn iżidu saff addizzjonali ta' kumplessità u ta' spejjeż, b'konsegwenzi anki aktar negattivi għall-konvenuti. Il-fatt li l-kontenut tal-media online huwa aċċessibbli fil-ġuriżdizzjonijiet kollha jista' jiftaħ it-triq għall-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni u jfixkel l-aċċess effettiv għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Il-konvenuti jistgħu jiffaċċjaw proċedimenti ġudizzjarji multipli fl-istess ħin u f'ġuriżdizzjonijiet differenti. Il-fenomenu tal-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni (jew tat-turiżmu tal-libell) huwa fattur li jamplifika l-problema u xi ġuriżdizzjonijiet jitqiesu bħala aktar favorevoli għall-attur. L-effett huwa saħansitra aktar b'saħħtu meta l-iSLAPPs jiġu mnedija barra mill-Unjoni Ewropea.

*Objettiv tal-proposta*

Din il-proposta hija waħda mill-azzjonijiet taħt il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija li għandhom l-għan li jsaħħu l-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media fl-Unjoni Ewropea. L-inizjattiva tinkludi wkoll d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li għandhom rwol ewlieni fid-demokraziji tagħna u li huma wkoll dejjem aktar vulnerabbli għal tali forom abbużivi ta' fastidju.

Il-proposta għandha l-għan li tipproteġi persuni fil-mira tal-iSLAPPs u tipprevjeni l-fenomenu milli jkompli jespandi fl-UE. Bħalissa, l-ebda wieħed mill-Istati Membri ma għandu salvagwardji speċifiċi kontra tali proċedimenti u ftit biss bħalissa qed jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' salvagwardji speċifiċi. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda regoli għall-UE kollha li jindirizzaw l-iSLAPPs. Bl-iżvilupp ta' fehim komuni tal-UE dwar x'jikkostitwixxi SLAPP u bl-introduzzjoni ta' salvagwardji proċedurali, il-proposta għandha l-għan li tipprovdi lill-qrati b'mezzi effettivi sabiex jittrattaw l-iSLAPPs u l-persuni fil-mira bil-mezzi sabiex jiddefendu lilhom infushom.

Is-salvagwardji proċedurali proposti japplikaw f'każijiet b'implikazzjonijiet transfruntieri. Kif ġie enfasizzat hawn fuq, dimensjoni transfruntiera tal-każijiet SLAPP iżżid mal-kumplessità u l-isfidi li jiffaċċjaw il-konvenuti. Skop ieħor tal-proposta hija l-protezzjoni taċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili tal-UE kontra SLAPPs li jibndew f'pajjiżi terzi.

*Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")*

Din il-proposta għal Direttiva u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")[5], li ġew adottati fl-istess ħin, huma komplementari u konsistenti bis-sħiħ.

Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri jirrevedu s-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw li l-oqfsa legali applikabbli tagħhom jipprevedu s-salvagwardji meħtieġa sabiex jindirizzaw l-iSLAPPs b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u tal-valuri demokratiċi. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jinkludu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom salvagwardji simili għal każijiet domestiċi bħal dawk inklużi fl-istrumenti

5 C(2022)2428, 27.4.2022

tal-Unjoni li jfittxu li jindirizzaw każijiet manifestament infondati jew abbużivi għal materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri, *inter alia*, jabolixxu s-sentenzi ta' ħabs għal każijiet ta' malafama, u jiffavorixxu l-użu tal-liġi amministrattiva jew ċivili minflok dik tal-liġi kriminali sabiex jiġu ttrattati każijiet bħal dawn, sakemm id-dispożizzjonijiet rilevanti jkollhom effett inqas punittiv u li r-regoli amministrattivi jeskludu kwalunkwe forma ta' detenzjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni tkopri wkoll aspetti relatati mat-taħriġ ta' professjonisti legali u miri potenzjali sabiex itejbu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom biex jittrattaw b'mod effettiv l-iSLAPPs, mat-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni b'mod partikolari mmirata sabiex tippermetti lill-ġurnalisti u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirrikonoxxu meta jkunu qed jiffaċċjaw SLAPP, mal-appoġġ għall-persuni fil-mira tal-iSLAPPs (eż. assistenza finanzjarja jew legali) u monitoraġġ u ġbir tad-*data* aktar sistematiċi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

*Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea*

Fit-3 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ħarġet Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija[6], li ħabbar sett ta' miżuri sabiex jissaħħu l-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media, inkluża l-inizjattiva SLAPP urakkomandazzjoni dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti msemmija hawn taħt. Dak il-Pjan ta' Azzjoni huwa l-inizjattiva ewlenija mmirata sabiex tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u tibni demokraziji aktar reżiljenti madwar l-UE.

*Rakkomandazzjoni dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea*

Kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija, l-iSLAPPs spiss jintużaw flimkien ma' theddid għas-sikurezza fiżika tal-ġurnalisti. Fis-16 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea[7].

Dik ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol aktar sikuri għall-professjonisti kollha tal-media, ħielsa mill-biża' u mill-intimidazzjoni, kemm jekk online jew inkella offline. Hija tistabbilixxi azzjonijiet għall-Istati Membri sabiex itejbu s-sikurezza tal-ġurnalisti. Ir-Rakkomandazzjoni tappella wkoll għall-ħolqien ta' servizzi ta' appoġġ nazzjonali indipendenti, inklużi helplines, pariri legali, appoġġ psikoloġiku u postijiet ta' kenn għall-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media li jiffaċċjaw theddid. Tappella wkoll għal protezzjoni akbar tal-ġurnalisti waqt id-dimostrazzjonijiet, sikurezza akbar online u appoġġ partikolari għall-ġurnalisti nisa.

*Strateġija għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta")*

Din il-proposta tikkomplementa u hija kompletament konformi mal-Istrateġija għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[8], adottata fit-2 ta' Diċembru 2020. Din l-Istrateġija tirrikonoxxi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma vitali għal demokrazija b'saħħitha u għal soċjetà fejn in-nies jistgħu jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom. Għalhekk, hija tistabbilixxi azzjonijiet, *fost l-oħrajn*, ta' appoġġ u ta' protezzjoni għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. B'mod partikolari, l-Istrateġija tirrikonoxxi li dawk l-atturi qed

6 COM(2020) 790 final, 3.12.2020

7 C(2021) 6650 final tas-16 ta' Settembru 2021.

8 COM(2020) 711 final, 2.12.2020

jiffaċċjaw sfidi f'xi Stati Membri, li jinkludu kampanji ta' tħammiġ tar-reputazzjoni, attakki fiżiċi u verbali, intimidazzjoni u fastidju inkluż permezz ta' SLAPPs.

Fl-Istrateġija, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jippromwovu ambjent ta' appoġġ u sikur għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom, inkluż fil-livell lokali.

Din il-proposta toħloq element ieħor ta' bini sabiex jissaħħu d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea u tappoġġa wieħed mill-objettivi tal-Istrateġija.

*Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt*

Ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2020[9] u l-2021[10] jipprovdu evidenza dwar il-ħolqien tal-iSLAPPs fl-Unjoni Ewropea. Ir-rapporti jenfasizzaw li f'għadd ta' Stati Membri, ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem qed jiffaċċjaw dejjem aktar theddid u attakki, kemm fiżiċi kif ukoll online, fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħhom u l-ħidma tagħhom, f'diversi forom inkluż l-użu tal-iSLAPPs.

*Id-Direttiva tal-UE dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi*

Din il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni diġà prevista mid-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni[11] u hija konsistenti bis-sħiħ magħha. Il-protezzjoni effettiva tal-informaturi kontra r-ritaljazzjoni hija essenzjali għad-difiża tal-interess pubbliku, u wkoll għas-salvagwardja tar-rwol ta' sorveljanza tal-media f'soċjetajiet demokratiċi, peress li l-informaturi spiss huma sors importanti għall-ġurnaliżmu investigattiv. Id-Direttiva 2019/1937 tipprovdi protezzjoni robusta lill-persuni li jirrapportaw informazzjoni dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni kontra kwalunkwe forma ta' ritaljazzjoni, kemm fil-kuntest relatat max-xogħol kif ukoll barra minnu, inkluża r-ritaljazzjoni permezz ta' proċedimenti bħal dawk relatati mal-malafama, mal-ksur tal-kunfidenzjalità u mal-protezzjoni tad-*data* personali. F'sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni kemm ta' din il-proposta kif ukoll tad-Direttiva 2019/1937, għandha tapplika l-protezzjoni offruta miż-żewġ atti.

*Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024*

Il-Pjan ta' Azzjoni[12] jikkontribwixxi għas-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-media madwar id-dinja, inkluż b'ħidma dwar ambjent abilitattiv għal-libertà tal-espressjoni u bil-kundanna ta' attakki u forom oħra ta' fastidju u intimidazzjoni, kemm online kif ukoll offline. Dan jindirizza t-theddid speċifiku li jiffaċċjaw il-ġurnalisti nisa, jiżgura li dawk li jkunu fastidjati, intimidati jew mhedda jirċievu assistenza permezz tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE u jappoġġa inizjattivi tal-media. Huwa jappella lill-awtoritajiet tal-Istat sabiex jipprevjenu u jikkundannaw vjolenza bħal din u sabiex jadottaw miżuri effettivi sabiex tintemm l-impunità.

---

[9] COM/2020/580 final - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat ekonomiku u soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Ir-Rapport tal-2020 dwar l-istat tad-dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea. - https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1602583951529&uri=CELEX%3A52020DC0580

[10] COM/2021/700/final Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat ekonomiku u soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Ir-Rapport tal-2021 dwar l-istat tad-dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1634551652872&uri=CELEX%3A52021DC0700

[11] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni, ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17–56.

[12] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, JOIN/2020/5 final.

Il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hija fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni. Din il-proposta hija f'sinerġija mal-isforzi qawwija mmexxija mill-UE madwar id-dinja f'dan ir-rigward, u se tipprovdi imperu addizzjonali għal aktar appoġġ imirat għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti li jkunu qed jaffaċċjaw SLAPPs.

*Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni online u offline*

Il-linji gwida[13] jispeċifikaw li l-UE se taħdem kontra attakki arbitrarji, abbuż indiskriminat minn proċedimenti kriminali u ċivili, kampanji ta' malafama u restrizzjonijiet eċċessivi fuq il-ġurnalisti, l-atturi tal-media, l-NGOs u l-personaġġi tal-media soċjali mnedija bil-għan li jipprevjenu lil dawn l-assoċjazzjonijiet u l-individwi milli jeżerċitaw liberament id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni.

*Il-Konvenzjoni ta' Aarhus*

L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus")[14] tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE), kull wieħed bir-responsabbiltajiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll bir-responsabbiltajiet u l-obbligi kondiviżi skont dik il-Konvenzjoni. L-Artikolu 3(8) ta' din il-Konvenzjoni jirrikjedi li kull Parti tiżgura li l-persuni li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ma għandhomx jiġu penalizzati, persegwitati jew fastidjati bl-ebda mod għall-involviment tagħhom. L-inklużjoni tad-difensuri ambjentali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu internazzjonali mwettaq mill-Unjoni.

*Komunikazzjoni dwar il-Ġlieda kontra Reati Ambjentali*

Fil-Komunikazzjoni tagħha adottata fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni impenjat ruħha li l-proposta ta' leġiżlazzjoni kontra litigazzjoni abbużiva mmirata lejn il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet se tkun tinkludi d-difensuri tal-ambjent[15].

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi Ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li huwa l-bażi ġuridika regolari għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntieri. B'mod aktar speċifiku, il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 81(2)(f) tat-TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jadottaw miżuri mmirati sabiex jiżguraw "*it-tneħħija ta' xkiel għall-funzjonament tajjeb ta' proċedimenti ċivili, jekk meħtieġ billi tkun promossa l-kompatibbiltà tar-regoli dwar il-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri*". Peress li l-iSLAPPs

---

13 https://www.consilium.europa.eu/media/28348/142549.pdf

14 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

15 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, COM(2021) 814 finali, 15.12.2021.

jikkostitwixxu ostaklu għall-funzjonament xieraq tal-proċedimenti ċivili, l-Unjoni hija kompetenti li tilleġiżla fuq dik il-bażi f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntieri. L-iSLAPPs huma abbuż mill-proċedimenti ċivili minħabba li l-għan tagħhom ma huwiex l-aċċess għall-ġustizzja iżda l-iffastidjar u t-tiskit tal-konvenuti. Fl-istess ħin, proċedimenti twal joħolqu piżijiet addizzjonali għas-sistemi tal-qrati nazzjonali.

Ir-regoli dwar is-sentenzi ta' pajjiżi terzi fil-Kapitolu V huma bbażati wkoll fuq l-Artikolu 81(2)(f) peress li huma inċidentali għall-iskop ewlieni ta' din il-proposta. Dawn jiżguraw l-effettività tar-regoli ta' din il-proposta kontra proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi minħabba l-parteċipazzjoni pubblika billi jipprevjenu li kawżi bħal dawn jitressqu quddiem il-qrati ta' pajjiżi terzi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-iSLAPPs qed jitfaċċaw f'ħafna Stati Membri u qed isiru problema madwar l-UE. Fl-istess ħin, l-ebda wieħed mill-Istati Membri bħalissa ma għandu provvediment għal salvagwardji speċifiċi kontra SLAPPs[16]. Filwaqt li, skont il-liġi nazzjonali, xi salvagwardji ġenerali eżistenti jistgħu jintużaw kontra l-iSLAPPs, tali salvagwardji ġenerali jvarjaw sostanzjalment bejn l-Istati Membri u l-effettività tagħhom biex jindirizzaw l-iSLAPPs hija limitata. Barra minn hekk, id-diverġenzi eżistenti fil-liġijiet proċedurali nazzjonali jirriskjaw li jżidu l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni u li jinbdew proċedimenti ġudizzjarji multipli f'ġuriżdizzjonijiet differenti tal-UE. L-evidenza turi li l-liġi ċivili nazzjonali proċedurali mhux dejjem hija mgħammra tajjeb biex tilqa' għal komplikazzjonijiet ulterjuri ġejjin minn proċedimenti transfruntiera[17]. Id-diverġenzi fil-liġijiet nazzjonali jagħmluha wkoll ferm improbabbli li l-Istati Membri li jaġixxu individwalment jistgħu jindirizzaw b'suċċess dan il-fenomenu jew ikunu jistgħu jiżguraw il-koerenza ġenerali ta' tali regoli bejn l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat standard ta' protezzjoni li jkun ugwalment għoli madwar l-Unjoni.

Sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji u sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq il-qrati nazzjonali bi proċedimenti ġudizzjarji abbużiv multipli u twal, jidher li huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti standards minimi u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tar-regoli tal-proċedura ċivili applikabbli fl-Istati Membri kontra l-iSLAPPs. L-azzjoni fil-livell tal-UE tgħin fil-ġlieda kontra l-emerġenza u t-tkabbir ta' SLAPPs madwar l-UE b'mod konsistenti u li tiġi żgurata l-konverġenza fl-approċċi tal-Istati Membri għall-fenomenu[18].

L-azzjoni tal-UE għandha żżid il-valur ukoll billi tipprovdi salvagwardji sabiex jiġu indirizzati l-iSLAPPs minn pajjiżi terzi b'mod effettiv. Hija meħtieġa wkoll azzjoni konġunta mill-Istati Membri sabiex jiġu miġġielda l-iSLAPPs minn pajjiżi terzi minħabba li inkella l-atturi jistgħu jfittxu li jibbenefikaw mid-diverġenza tas-sistemi bejn l-Istati Membri u jfittxu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-iSLAPP ta' pajjiżi terzi fejn dawn jistgħu jinkisbu bl-aktar mod faċli.

---

16 IE, LT u MT għandhom proposti ta' leġiżlazzjoni jew qed jikkontemplaw li jipproponu leġiżlazzjoni biex jindirizzaw din il-problema.

17 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Gascón Inchausti, M., Hess, B., Cuniberti, G., et al., *An evaluation study of national procedural laws and practices in terms of their impact on the free circulation of judgments and on the equivalence and effectiveness of the procedural protection of consumers under EU consumer law : strand 1 : mutual trust and free circulation of judgments*, Publications Office, 2017, https://data.europa.eu/doi/10.2838/38491, p.31.

18 Diversi Stati Membri (IE, LT u MT) bħalissa qed jevalwaw il-ħtieġa ta' protezzjoni kontra SLAPPs.

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà billi tipproponi biss salvagwardji mmirati u tillimita l-azzjoni leġiżlattiva għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jinkiseb dak li l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu billi jaġixxu waħedhom.

- **Proporzjonalità**

L-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tkun immirata u limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-approċċ fl-Istati Membri fir-rigward ta' sitwazzjonijiet transfruntiera. Il-proposta hija mfassla sabiex tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Din hija r-raġuni għaliex qegħdin jiġu proposti biss salvagwardji proċedurali mmirati sew. Dawn huma mfassla sabiex jipprovdu biss dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat funzjonament aħjar tal-proċeduri ċivili transfruntiera fil-każ ta' SLAPPs, li huma theddida serja għad-demokrazija u l-istat tad-dritt Ewropej.

Il-proporzjonalità hija murija wkoll mill-fatt li ħafna mill-elementi mmirati sabiex jindirizzaw l-iSLAPPs se jiġu pprovduti bħala miżuri mhux leġiżlattivi f'rakkomandazzjoni u mhux permezz ta' azzjoni leġiżlattiva.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument leġiżlattiv magħżul huwa direttiva, li se tipprovdi għal salvagwardji proċedurali vinkolanti u konsistenti fl-Istati Membri. Din se tipprevjeni d-diverġenzi eżistenti fis-salvagwardji bejn l-Istati Membri, li jirriskjaw li jwasslu għal għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni bejn il-fruntieri. Fl-istess ħin, l-għażla ta' direttiva se tippermetti lill-Istati Membri jadattaw is-salvagwardji proċedurali speċifiċi għal-liġi ċivili u proċedurali nazzjonali tagħhom, li għadhom ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri.

Id-Direttiva se tkun ikkumplimentata minn strument mhux leġiżlattiv (rakkomandazzjoni). Dan jipprovdi taħlita effiċjenti ta' azzjoni leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Fil-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, ġew riċevuti input u kummenti minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati ewlenin li jirrappreżentaw liċ-ċittadini tal-UE u lil dawk mhux tal-UE, lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-professjonisti legali bħall-imħallfin, l-akkademiċi, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, l-NGOs u gruppi ta' interess rilevanti oħrajn.

Il-konsultazzjonijiet kienu jinvolvu diskussjoni ta' grupp ta' fokus tekniku sperimentali f'Marzu 2021 ma' għadd magħżul ta' parteċipanti li kienu jinkludu erba' miri tal-iSLAPPs, li qablu li jaqsmu l-esperjenza personali tagħhom, ipprovdew għarfien utli dwar l-iSLAPPs u għenu fil-fażi preparatorja.

Konsultazzjoni pubblika miftuħa[19] bejn l-4 ta' Ottubru 2021 sal-10 ta' Jannar 2022 ġabret il-ħsibijiet ta' ċittadini, ġurnalisti, Stati Membri, NGOs, is-soċjetà ċivili, imħallfin, professjonalisti legali u partijiet oħra interessati dwar SLAPPs u dwar x'azzjoni għandha tittieħed biex dawn jiġu ffaċċjati fl-UE.

[19] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13192-EU-action-against-abusive-litigation-SLAPP-targeting-journalists-and-rights-defenders/public-consultation_en

Konsultazzjoni mmirata tal-imħallfin nazzjonali mit-12 ta' Novembru 2021 sal-10 ta' Jannar 2022[20] permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali fittxet rispons aktar dettaljat dwar l-identifikazzjoni tal-SLAPPs, nuqqasijiet proċedurali potenzjali, rimedji nazzjonali diġà eżistenti (għalkemm mhux speċifiċi għal SLAPP), sensibilizzazzjoni tal-imħallfin dwar l-SLAPPs u l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-imħallfin.

Laqgħa teknika mal-esperti tal-Istati Membri f'Ottubru 2021 ġabret għarfien dwar il-fehmiet tal-Istati Membri (inkluż mill-korpi u l-awtoritajiet indipendenti tal-Istati Membri) dwar jekk u liema tip ta' azzjoni fil-livell tal-UE tista' tkun meħtieġa kontra l-iSLAPPs, liema rimedji ġudizzjarji (jekk ikun hemm u ġenerali jew speċifiċi) u x'tip ta' appoġġ huwa attwalment disponibbli fil-livell nazzjonali għall-miri tal-iSLAPPs.

Workshop ma' partijiet ikkonċernati magħżula f'Novembru 2021 ipprovda forum għal diskussjoni dwar id-dimensjoni tal-iSLAPPs, il-ġbir ta' informazzjoni, id-diskussjoni u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet possibbli.

Il-ħidma preparatorja tal-Kummissjoni qieset l-evidenza miġbura mill-Parlament Ewropew matul it-tħejjija tar-rapport fuq inizjattiva proprja tagħha dwar il-materja adottata fl-aħħar tal-2021.

Ir-rispons mill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa u fil-laqgħa tal-partijiet ikkonċernati wera appoġġ qawwi għal azzjoni madwar l-UE kontra l-iSLAPPs, kemm leġiżlattiva kif ukoll mhux leġiżlattiva. L-organizzazzjonijiet madwar l-UE rrapportaw li l-iSLAPPs qegħdin jiżdiedu fl-UE, inklużi l-kawżi transfruntieri. L-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjoni pubblika enfasizzaw ukoll l-importanza tat-taħriġ u tat-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni dwar l-iSLAPPs, il-benefiċċji tal-ġbir tad-*data* u l-ħtieġa ta' monitoraġġ xieraq tal-iSLAPPs.

Ir-rispons mill-konsultazzjoni pubblika u mil-laqgħa tal-partijiet ikkonċernati pprovda wkoll evidenza importanti dwar il-fenomenu fl-UE, li ġie inkluż fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal[21] li jakkumpanja din il-proposta.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw appoġġ għall-azzjoni tal-UE kontra l-iSLAPPs, hekk kif indikaw il-ħtieġa li tiġi protetta l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà tal-media, filwaqt li jiġi ppreservat il-bilanċ bejn il-miżuri protettivi kontra l-iSLAPP u l-aċċess għall-ġustizzja. Xi Stati Membri indikaw nuqqas ta' evidenza ta' kawżi SLAPP, b'mod partikolari b'dimensjoni transfruntiera, bħala fenomenu ta' tħassib f'pajjiżhom.

Il-konsultazzjoni mmirata tal-imħallfin nazzjonali żvelat li ma hemm l-ebda definizzjoni legali ta' SLAPP jew sistema ta' salvagwardji speċifika għall-iSLAPPs fl-Istat Membru tar-rispondenti għalkemm xi wħud mis-salvagwardji ġenerali nazzjonali eżistenti jistgħu fil-prinċipju jintużaw fil-kawżi SLAPP.

Il-Parlament Ewropew adotta rapport fuq inizjattiva proprja dwar l-SLAPPs fit-11 ta' Novembru 2021[22] fejn appella lill-Kummissjoni biex tippreżenta pakkett komprensiv ta' miżuri kontra l-SLAPPs, inkluża l-leġiżlazzjoni.

Il-Kummissjoni kkummissjonat ukoll studji sabiex tiżviluppa fehim aħjar tal-fenomenu fl-UE u l-ewwel immappjar tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Dan l-ewwel immappjar ipprovda

[20] https://ec.europa.eu/eusurvey/runner/EJN_SLAPP
[21] SWD(2022)117, 27.4.2022.
[22] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu mhux xieraq ta' azzjonijiet taħt il-liġi ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili (2021/2036 (INI))

għarfien dwar SLAPPs u dak li jimbutahom 'l quddiem[23]. It-tieni studju kien studju komparattiv aktar fil-fond li vvaluta fid-dettall is-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri[24].

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Biex tħejji l-inizjattiva SLAPP, il-Kummissjoni stabbiliet Grupp ta' Esperti[25] fl-2021. Il-grupp kien magħmul minn akkademiċi, professjonisti legali u rappreżentanti tal-media u tas-soċjetà ċivili. Il-mandat tal-grupp kien li jipprovdi għarfien espert legali dwar l-iSLAPPs, jaġixxi bħala pjattaforma fil-livell tal-UE għall-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-għarfien u, fejn possibbli, jassisti lill-persuni fil-mira tal-iSLAPPs. Fil-ħarifa tal-2021 inħoloq sottogrupp leġiżlattiv speċifiku fi ħdan il-grupp ta' esperti sabiex jassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva.

- **Dokument ta' Ħidma tal-Persunal**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal[26], li jippreżenta r-raġunament, l-analiżi u l-evidenza disponibbli biex tirfed il-proposta. Ma hemm l-ebda Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta, peress li din il-proposta se tipprovdi salvagwardji proċedurali mmirati u mhux se tiġġenera kostijiet kwantifikabbli sinifikanti. B'kuntrast ma' dan, se tipprovdi lill-qrati nazzjonali b'mezzi aktar adattati sabiex iwaqqfu t-tentattivi tal-użu ħażin tal-proċeduri ġudizzjarji u jevitaw l-ispejjeż relatati li dak l-użu ħażin jista' jikkawża lis-sistema ġudizzjarja. Barra minn hekk, peress li l-iSLAPPs jipperikolaw id-drittijiet fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u tal-libertà tal-informazzjoni, huwa ta' importanza kruċjali li tittieħed azzjoni b'saħħitha u rapida sabiex jiġi evitat li dan il-fenomenu ta' ħsara, li feġġ relattivament reċentement iżda li qed isir dejjem aktar preżenti, jespandi aktar fl-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea. Il-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u gruppi oħrajn fil-mira li jibbenefikaw mis-salvagwardji proċedurali proposti għandhom rwol importanti fid-demokraziji Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-dibattitu pubbliku, tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. Fl-istess ħin, il-liġi proċedurali għandha rwol ewlieni fil-garanzija tal-effettività tad-drittijiet fundamentali f'konformità mal-Karta.

Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-istess Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr interferenza mill-awtorità pubblika u irrispettivament mill-fruntieri. Filwaqt li ma huwiex dritt assolut, kwalunkwe limitazzjoni għalih trid tiġi prevista mil-liġi, tosserva l-essenza ta' tali dritt u tiġi ppromulgata biss jekk ikunu meħtieġa u ġenwinament jissodisfaw l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor (l-Artikolu 52(1) tal-Karta).

---

23 Disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/ad-hoc-literature-review-analysis-key-elements-slapp_en.pdf
24 https://ec.europa.eu/info/files/strategic-lawsuits-against-public-participation-slapp-european-union-comparative-study_en
25 Grupp ta' esperti kontra SLAPP.
26 SWD(2022)117, 27.4.2022.

Fl-istess ħin, il-proposta tiżgura l-bilanċ tal-aċċess għall-ġustizzja kif garantit fl-Artikolu 47 tal-Karta u d-drittijiet tal-personalità/privatezza skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta bil-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Is-salvagwardji proċedurali huma mmirati bir-reqqa u jħallu lill-qorti diskrezzjoni suffiċjenti f'kawżi individwali biex iżżomm il-bilanċ delikat bejn iċ-ċaħda rapida ta' talbiet manifestament infondati u l-aċċess effettiv għall-ġustizzja.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri għandha tiġi ffaċilitata mill-Kummissjoni li tipprovdi assistenza għat-traspożizzjoni sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel fl-Istati Membri, l-organizzazzjoni ta' mill-inqas workshop wieħed għat-traspożizzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħat bilaterali inkluż fuq talba mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jiġu mistiedna wkoll jinnotifikaw il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tagħhom.

It-tħaddim tad-Direttiva għandu jiġi rivedut 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Din il-proposta ma teħtieġx dokumenti ta' spjegazzjoni speċifiċi.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Id-Direttiva tikkonsisti f'erba' partijiet ewlenin distinti: Regoli komuni dwar is-salvagwardji proċedurali (Kapitolu II), ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati (Kapitolu III), rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi (Kapitolu IV) u protezzjoni kontra sentenzi ta' pajjiżi terzi (Kapitolu V). Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu I u VI huma orizzontali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

**Kapitolu I Dispożizzjonijiet ġenerali**: dan il-kapitolu fih dispożizzjonijiet dwar is-suġġett u l-ambitu tal-istrument, xi definizzjonijiet kif ukoll dispożizzjoni dwar meta xi kwistjoni titqies li jkollha implikazzjonijiet transfruntiera għall-fini tad-Direttiva.

**L-Artikolu 1** jindika s-suġġett, filwaqt li jiċċara li s-salvagwardji speċifiċi previsti mid-Direttiva huma maħsuba sabiex jindirizzaw proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri miġjuba kemm kontra persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi minħabba l-involviment tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika, b'mod partikolari ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

**L-Artikolu 2** jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-Direttiva, li japplika għal materji ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Dan jinkludi talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali iżda wkoll miżuri *interim* u kawtelatorji, kontrokawżi jew tipi partikolari oħrajn ta' rimedji disponibbli taħt strumenti oħrajn. Bħal fi strumenti ċivili u kummerċjali oħrajn tal-UE, id-dħul, id-dwana, il-materji amministrattivi jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni. Il-kunċett ta' *acta iure imperii* jinkludi talbiet imressqa kontra uffiċjali li jaġixxu f'isem l-Istat u

r-responsabbiltà għal atti ta' awtoritajiet pubbliċi, inkluża r-responsabbiltà ta' detentur ta' kariga maħtur pubblikament. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi ma jitqisux bħala persuni fil-mira tal-iSLAPP.

**L-Artikolu 3** jipprovdi d-definizzjoni ta' parteċipazzjoni pubblika, materja ta' interess pubbliku u proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

**Il-parteċipazzjoni pubblika** hija definita b'mod wiesa', jiġifieri kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività espressa jew imwettqa fi:

1) l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' komunikazzjonijiet ġurnalistiċi, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentarji jew satiriċi, pubblikazzjonijiet jew xogħlijiet, u azzjonijiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza marbuta direttament magħhom;

2) l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' lobbjar, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, bħall-preżentata ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi.

Barra minn hekk, tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, stħarriġ, kampanji jew kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra, u azzjoni preparatorja, ta' appoġġ jew ta' assistenza marbuta direttament magħhom. L-azzjonijiet preparatorji huma, pereżempju, intervisti li jsiru minn ġurnalist investigattiv jew akkademiku biex titħejja dikjarazzjoni, jew informazzjoni miġbura minn difensur ambjentali. Jenħtieġ li l-azzjonijiet ta' appoġġ u ta' assistenza jiġu koperti minħabba li l-atturi jistgħu jressqu proċedimenti ġudizzjarji wkoll kontra atturi li jipprovdu servizzi ta' appoġġ jew ta' assistenza meħtieġa bħall-konnessjoni mal-internet jew is-servizzi tal-istampar bl-objettiv li jirrestrinġu indirettament il-libertà tal-espressjoni tal-mira attwali tal-iSLAPP. Tali azzjonijiet preparatorji, ta' appoġġ u ta' assistenza jeħtieġ li jkollhom rabta diretta u inerenti mal-istqarrija jew mal-attività inkwistjoni.

Min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni pubblika normalment ma għandhiex tkopri r-reklamar kummerċjali u l-attività ta' kummerċjalizzazzjoni (diskors kummerċjali).

**Kwistjoni ta' interess pubbliku** hija ddefinita wkoll b'mod wiesa', b'referenza għal kwalunkwe materja li taffettwa lill-pubbliku sa tali punt li l-pubbliku jista' b'mod leġittimu jieħu interess fiha, f'oqsma bħal, pereżempju, is-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-klima, il-benesseri soċjali jew it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali.

Id-definizzjoni ta'**proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika** tirreferi għal proċedimenti ġudizzjarji, imressqa fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika li huma kompletament jew parzjalment infondati u għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jikkastigaw il-parteċipazzjoni pubblika.

Lista mhux eżawrjenti tindika l-aktar indikaturi komuni ta' abbuż, bħan-natura sproporzjonata, eċċessiva jew mhux raġonevoli tat-talba jew parti minnha, l-eżistenza ta' diversi proċedimenti mibdija mir-rikorrent jew mill-partijiet assoċjati fir-rigward ta' kwistjonijiet simili, jew theddid min-naħa tar-rikorrent jew tar-rappreżentanti tiegħu.

Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi spiss jinvolvu tattiċi ta' litigazzjoni użati *in mala fede* bħal dewmien tal-proċedimenti, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. Dawn it-tattiċi, li jintużaw mill-attur għal skopijiet oħra għajr li jikseb aċċess għall-ġustizzja, spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, flimkien ma' diversi forom ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid qabel jew matul il-proċedimenti, bl-iskop li tiġi mfixkla l-parteċipazzjoni pubblika.

**L-Artikolu 4** jispeċifika meta materja titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, materja titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri sakemm iż-żewġ partijiet ma jkunux iddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, li jindika li l-materja hija preżunta li hija purament domestika.

Madankollu, anke meta ż-żewġ partijiet fil-proċedimenti jkunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti li quddiemha titressaq il-kawża, il-materja għandha titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet oħrajn.

1) L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-att speċifiku ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed. Dan jinkludi pereżempju l-parteċipazzjoni pubblika f'avvenimenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħal dehriet f'seduti pubbliċi, jew stqarrijiet jew attivitajiet dwar materji li huma ta' rilevanza speċifika għal aktar minn Stat Membru wieħed, bħat-tniġġis transfruntier jew allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus b'involviment transfruntier potenzjali.

2) It-tieni sitwazzjoni fejn materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri hija meta l-attur jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenuti jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor.

3) Dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet iqisu l-kuntest speċifiku tal-iSLAPPs.

**Kapitolu II Regoli komuni dwar is-salvagwardji proċedurali**: Dan il-Kapitolu fih dispożizzjonijiet orizzontali dwar ir-rikors għal salvagwardji proċedurali, il-kontenut tiegħu u karatteristiċi proċedurali oħrajn.

Skont **l-Artikolu 5**, jista' jiġi ppreżentat rikors għal tipi differenti ta' salvagwardji proċedurali:

a) garanzija skont l-Artikolu 8;

b) ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati f'konformità mal-Kapitolu III;

c) rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi f'konformità mal-Kapitolu IV.

Filwaqt li d-deskrizzjoni tan-natura tad-dikjarazzjoni jew tal-attività bħala att ta' parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tkun rekwiżit ta' ammissibbiltà, deskrizzjoni tal-evidenza ta' sostenn jenħtieġ li titqies xierqa, jekk ma tkun diġà ġiet ipprovduta l-ebda evidenza mill-attur ewlieni jew ma tkunx disponibbli b'mod ieħor għall-qorti. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-istess miżuri jkunu jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja *ex officio* fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti.

**L-Artikolu 6** jittratta l-emendi sussegwenti għat-talbiet jew għas-sottomissjonijiet minn rikorrenti li jirtiraw jew jemendaw b'mod deliberat talbiet jew sottomissjonijiet sabiex jevitaw l-għoti ta' spejjeż lill-parti rebbieħa. Din l-istrateġija legali tista' ċċaħħad lill-qorti mis-setgħa li tirrikonoxxi n-natura abbużiva tal-proċedimenti ġudizzjarji, u tħalli lill-konvenut mingħajr l-ebda opportunità li jiġi rimborżat għall-ispejjeż proċedurali. Id-dispożizzjoni tiżgura li

kwalunkwe emenda għat-talbiet jew is-sottomissjonijiet imressqa mill-attur, inkluż it-twaqqif tal-proċedimenti, ma jaffettwawx il-possibbiltà li l-qorti jew it-tribunal aditi bil-materja jikkunsidraw il-proċedimenti ġudizzjarji bħala abbużivi u li jagħtu deċiżjoni għall-ħlas tal-ispejjeż, ta' kumpens għad-danni jew penali.

**L-Artikolu 7** jipprevedi li qorti jew tribunal aditi bil-materja jistgħu jaċċettaw li organizzazzjonijiet mhux governattivi li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jieħdu sehem fi proċedimenti, jew b'appoġġ tal-konvenut jew sabiex jipprovdu informazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jirregolaw ir-rekwiżiti proċedurali tal-intervent, possibbilment inklużi l-limiti ta' żmien, f'konformità mar-regoli proċedurali applikabbli għall-qorti jew għat-tribunal li jkun adit bil-materja.

**L-Artikolu 8** jintroduċi s-setgħa għall-qorti jew għat-tribunal li jitolbu lill-attur biex jipprovdi garanzija għall-ispejjeż proċedurali jew għall-ispejjeż u għad-danni proċedurali, meta l-qorti tqis li anke jekk it-talba ma tkunx manifestament infondata, hemm elementi li jindikaw abbuż tal-proċedura u l-prospetti ta' suċċess fil-proċedimenti ewlenin ikunu baxxi.

**Kapitolu III Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati**: Dan il-Kapitolu jittratta r-rekwiżiti u s-salvagwardji proċedurali sabiex tingħata ċaħda bikrija fi proċedimenti ġudizzjarji li huma manifestament infondati.

**L-Artikolu 9** jistabbilixxi li ċ-ċaħda bikrija tingħata biss meta t-talba mressqa kontra l-konvenut tkun manifestament infondata, kemm jekk totalment jew parzjalment. Jekk it-talba prinċipali tiġi miċħuda aktar tard fil-proċediment ordinarju, il-konvenut xorta jista' jibbenefika minn rimedji oħra kontra proċedimenti abbużivi tal-qorti, jekk imbagħad jiġu rikonoxxuti elementi ta' abbuż.

**L-Artikolu 10** jipprevedi li jekk il-konvenut ikun talab ċaħda bikrija, il-proċedimenti prinċipali jiġu sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar dik ir-rikors. Sospensjoni tal-proċedimenti mibdija mill-attur tiżgura li l-attività proċedurali tiġi sospiża, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż proċedurali tal-konvenut. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt fuq l-aċċess effettiv għall-ġustizzja, is-sospensjoni jenħtieġ li tkun temporanja u tinżamm biss sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar ir-rikors, li ma tkunx għadha soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

**L-Artikolu 11** jirrikjedi li rikors għal ċaħda bikrija jiġi ttrattat fi proċedura mħaffa, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u d-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust. Sabiex tiġi żgurata ħeffa kbira fil-proċedura mħaffa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għaż-żamma ta' seduti jew sabiex il-qorti tieħu deċiżjoni. Huma jistgħu jadottaw ukoll skemi simili għal proċeduri fir-rigward ta' miżuri provviżorji.

**L-Artikolu 12** jintroduċi regola speċjali dwar l-oneru tal-prova: jekk il-konvenut ikun applika għal ċaħda bikrija billi juri li d-dikjarazzjoni jew l-attività tikkostitwixxi att ta' parteċipazzjoni pubblika, l-oneru jaqa' fuq l-attur biex jagħti prova li t-talba tkun manifestament infondata. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li l-attur iġorr l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġlu biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri li t-talba ma hijiex manifestament infondata sabiex tiġi evitata ċaħda bikrija.

**L-Artikolu 13** jipprevedi li deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta ċaħda bikrija għandha tkun soġġetta għal appell.

**Kapitolu IV Rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi:** Dan il-Kapitolu fih dispożizzjonijiet dwar l-għoti tal-ispejjeż, tal-kumpens għad-danni u tal-penali.

**L-Artikolu 14** jipprevedi li rikorrent li jkun ippreżenta proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika jista' jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut, ħlief jekk dawn l-ispejjeż ikunux eċċessivi.

**L-Artikolu 15** jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara bħala riżultat ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara. Dan ikopri kemm ħsara materjali kif ukoll mhux materjali. Id-danni materjali jinkludu pereżempju l-onorarji tal-avukat, meta ma jkunux rimborsabbli bħala spejjeż, spejjeż tal-ivvjaġġar u kostijiet mediċi (pereżempju għall-assistenza psikoloġika) jekk ikunu marbuta b'mod kawżali mal-proċedimenti ġudizzjarji. L-ispejjeż ta' qabel il-proċess jenħtieġ li jitqiesu bħala danni materjali, jekk ma jkunux inklużi fl-ispejjeż skont il-liġijiet nazzjonali. Il-ħsara mhux materjali tkopri forom differenti ta' ħsara fiżika u/jew psikoloġika. Dan jinkludi, pereżempju, uġigħ u tbatija jew diffikultà emozzjonali relatati mal-proċedimenti ġudizzjarji, l-indeboliment tal-ħajja jew tar-relazzjoni, id-dannu għar-reputazzjoni u b'mod ġenerali, kwalunkwe tip ta' dannu intanġibbli.

**L-Artikolu 16** jipprevedi l-possibbiltà li jiġu imposti penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq il-parti li tkun ressqet proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. L-għan ewlieni ta' din id-dispożizzjoni huwa li tiskoraġġixxi lill-atturi potenzjali milli jinvolvu ruħhom fi proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Il-penali jitħallsu lill-Istati Membri.

**Kapitolu V Protezzjoni kontra sentenzi ta' pajjiżi terzi:** Dan il-Kapitolu fih żewġ rimedji sabiex il-konvenut jiġi protett minn proċedimenti ġudizzjarji abbużivi mressqa quddiem il-qrati ta' pajjiżi terzi.

**L-Artikolu 17** jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż terz fi proċedimenti ġudizzjarji minħabba l-parteċipazzjoni pubblika minn persuna fiżika jew ġuridika ddomiċiljata fi Stat Membru jiġu miċħuda bħala manifestament kontra l-politika pubblika (*ordre public*) jekk dawk il-proċedimenti kienu jitqiesu manifestament infondati jew abbużivi kieku kellhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni u kieku dawk il-qrati kellhom japplikaw il-liġi tagħhom stess.

**L-Artikolu 18** jipprevedi, bħala rimedju addizzjonali kontra sentenza minn pajjiż terz, li meta jkunu tressqu proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika kontra persuna fiżika jew ġuridika ddomiċiljata fi Stat Membru quddiem qorti jew tribunal ta' pajjiż terz, dik il-persuna tista' titlob kumpens għad-danni u l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz, irrispettivament mid-domiċilju tal-attur fil-proċedimenti fil-pajjiż terz. Din id-dispożizzjoni toħloq bażi speċjali ġdida ta' ġuriżdizzjoni sabiex jiġi żgurat li l-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi li jkunu ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jkollhom rimedju effiċjenti disponibbli fl-Unjoni kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi mressqa f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz.

**Kapitolu VI – Dispożizzjonijiet finali:** Dan il-Kapitolu fih regoli dwar ir-relazzjoni tad-Direttiva mal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007, dwar ir-reviżjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva, dwar it-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali, dwar id-dħul fis-seħħ u dwar l-Istati Membri bħala destinatarji.

2022/0117 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika")

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 81(2)(f) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

(2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") tipprevedi*, inter alia*, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), il-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8), il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, li tinkludi r-rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media (l-Artikolu 11), u għal rimedju effettiv u smigħ ġust (l-Artikolu 47).

(3) Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-istess Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li wieħed ikollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr interferenza mill-awtorità pubblika u irrispettivament mill-fruntieri. L-Artikolu 11 tal-Karta għandu jingħata t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("KEDB") dwar id-dritt għal-libertà tal-espressjoni kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB").

(4) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipprovdi protezzjoni lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika dwar materji ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kontra proċedimenti ġudizzjarji li jinfetħu kontrihom sabiex jiġu skoraġġuti mill-parteċipazzjoni pubblika (komunement imsejħa *strategic lawsuits against public participation* (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) jew "SLAPPs").

(5) Il-ġurnalisti għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tad-dibattitu pubbliku u fit-twassil u l-akkoljenza ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat. Huwa essenzjali li jingħataw l-ispazju meħtieġ biex jikkontribwixxu għal dibattitu miftuħ, liberu u ġust u biex

jiġġieldu d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza. Il-ġurnalisti għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal pluralità ta' fehmiet fid-demokraziji Ewropej.

(6) Il-ġurnalisti investigattivi għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-estremiżmu. Ix-xogħol tagħhom iġib miegħu riskji partikolarment għoljin u qed jesperjenzaw għadd dejjem akbar ta' attakki u fastidju. Hija meħtieġa sistema robusta ta' salvagwardji sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rwol kruċjali tagħhom bħala gwardjani dwar materji ta' interess pubbliku leġittimu.

(7) Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll rwol importanti fid-demokraziji Ewropej, speċjalment fiż-żamma tad-drittijiet fundamentali, tal-valuri demokratiċi, tal-inklużjoni soċjali, tal-protezzjoni ambjentali u tal-istat tad-dritt. Dawn għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja pubblika u jsemmgħu leħenhom dwar materji ta' politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet mingħajr biża' ta' intimidazzjoni. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jirreferu għall-individwi jew l-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u varjetà ta' drittijiet oħrajn, bħad-drittijiet ambjentali u klimatiċi, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-LGBTIQ, id-drittijiet tal-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, id-drittijiet tax-xogħol jew il-libertajiet reliġjużi. Il-parteċipanti l-oħrajn fid-dibattitu pubbliku, bħall-akkademiċi u r-riċerkaturi, jistħoqqilhom ukoll protezzjoni adegwata.

(8) Demokrazija sana u li tiffunzjona teħtieġ li n-nies ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fid-dibattitu pubbliku mingħajr interferenza bla bżonn mill-awtorità pubblika jew minn atturi b'saħħithom oħra, sew jekk ikunu domestiċi kif ukoll barranin. Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti, in-nies jeħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni affidabbli, li tippermettilhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom stess u jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom stess fi spazju pubbliku li fih jistgħu jiġu espressi fehmiet differenti b'mod liberu.

(9) Sabiex jitrawwem dan l-ambjent, huwa importanti li l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali proċedimenti ġudizzjarji ma jinfetħux għall-fini ta' aċċess għall-ġustizzja, iżda biex jissikkett id-dibattitu pubbliku tipikament bl-użu tal-fastidju u l-intimidazzjoni.

(10) L-iSLAPPs tipikament jinfetħu minn entitajiet b'saħħithom, pereżempju individwi, gruppi tal-illobbjar, korporazzjonijiet u organi tal-istat. Dawn spiss jinvolvu żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet, fejn l-attur ikollu pożizzjoni finanzjarja jew politika aktar b'saħħitha mill-konvenut. Għalkemm ma humiex komponent indispensabbli ta' kawżi bħal dawn, fejn ikun preżenti, żbilanċ fil-poter iżid b'mod sinifikanti l-effetti dannużi kif ukoll l-effetti dissważivi tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

(11) Il-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kredibbiltà u r-reputazzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jaħlu r-riżorsi finanzjarji u oħrajn tagħhom. Minħabba proċedimenti bħal dawn, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku tista' tiġi ttardjata jew evitata għalkollox. It-tul tal-proċeduri u l-pressjoni finanzjarja jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, l-eżistenza ta' prattiki bħal dawn jista' jkollha effett ta' deterrent fuq il-ħidma tagħhom billi tikkontribwixxi għall-awtoċensura b'antiċipazzjoni ta'

proċedimenti ġudizzjarji futuri possibbli, li jwassal għat-tfaqqir tad-dibattitu pubbliku għad-detriment tas-soċjetà kollha kemm hi.

(12) Dawk immirati mill-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jiffaċċjaw diversi kawżi simultanjament, xi drabi mibdija f'diversi ġuriżdizzjonijiet. Il-proċedimenti mibdija fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru wieħed kontra persuna residenti fi Stat Membru ieħor normalment ikunu aktar kumplessi u għaljin għall-konvenut. L-atturi fi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jistgħu jużaw ukoll għodod proċedurali sabiex iżidu t-tul u l-kost tal-litigazzjoni, u jressqu kawżi f'ġuriżdizzjoni li huma jqisu li hija favorevoli għall-kawża tagħhom, aktar milli quddiem qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' t-talba. Prattiki bħal dawn ipoġġu wkoll piżijiet bla bżonn u ta' ħsara fuq is-sistemi tal-qrati nazzjonali.

(13) Is-salvagwardji previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba l-involviment tagħha f'parteċipazzjoni pubblika. Għandhom jipproteġu wkoll lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li, jew fuq bażi professjonali jew personali, jappoġġaw, jassistu jew jipprovdu oġġetti jew servizzi lil persuna oħra għal finijiet marbuta direttament mal-parteċipazzjoni pubblika fuq materja ta' interess pubbliku. Dan jinvolvi pereżempju l-fornituri tal-internet, il-pubblikaturi jew l-istamperiji, li jiffaċċjaw jew huma mhedda bi proċedimenti ġudizzjarji talli jipprovdu servizzi lill-persuna fil-mira tal-proċedimenti ġudizzjarji.

(14) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kwalunkwe tip ta' talba legali jew azzjoni ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Dan jinkludi talbiet ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali. Dan jinkludi wkoll miżuri *interim* u kawtelatorji, kontrokawżi jew tip partikolari ieħor ta' rimedji disponibbli taħt strumenti oħrajn.

(15) Id-Direttiva ma tapplikax għal talbiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà tal-Istat għal azzjonijiet jew ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii)* u talbiet kontra uffiċjali li jaġixxu f'isem l-Istat u r-responsabbiltà għal atti ta' awtoritajiet pubbliċi, inkluża r-responsabbiltà ta' detenturi ta' kariga maħtura pubblikament.

(16) Il-parteċipazzjoni pubblika għandha tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, bħall-ħolqien, il-wiri, ir-reklamar jew promozzjoni oħra ta' komunikazzjonijiet, pubblikazzjonijiet jew xogħlijiet ġurnalistiċi, politiċi, xjentifiċi, akkademiċi, artistiċi, kummentattivi jew satiriċi, u kwalunkwe azzjoni preparatorja marbuta direttament magħhom. Tista' tinkludi wkoll attivitajiet relatati mal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-għaqda paċifika, bħall-organizzazzjoni ta' jew il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' lobbjar, dimostrazzjonijiet u protesti jew attivitajiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv, bħall-preżentata ta' lmenti, petizzjonijiet, talbiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi. Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi wkoll attivitajiet preparatorji, ta' appoġġ jew ta' assistenza li jkollhom rabta diretta u inerenti mal-istqarrija jew mal-attività inkwistjoni u li jkunu mmirati biex irażżnu l-parteċipazzjoni pubblika. Barra minn hekk, tista' tkopri attivitajiet oħrajn maħsuba sabiex jinfurmaw jew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew biex jippromwovu azzjoni mill-pubbliku, inklużi attivitajiet minn kwalunkwe entità privata jew pubblika b'rabta ma' materja ta' interess pubbliku, bħall-organizzazzjoni ta' riċerka, stħarriġ, kampanji jew kwalunkwe

azzjoni kollettiva oħra, jew il-parteċipazzjoni fihom, u kwalunkwe azzjoni kollettiva oħra.

(17) Normalment jenħtieġ li l-parteċipazzjoni pubblika ma tkoprix ir-reklamar kummerċjali u l-attività ta' kummerċjalizzazzjoni, li tipikament ma jsirux fl-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

(18) Il-kunċett ta' materja ta' interess pubbliku jenħtieġ li tinkludi wkoll il-kwalità, is-sikurezza jew aspetti rilevanti oħra tal-oġġetti, tal-prodotti jew tas-servizzi fejn tali materji ikunu rilevanti għas-saħħa pubblika, għas-sikurezza, għall-ambjent, għall-klima jew għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali. Tilwima purament individwali bejn konsumatur u manifattur jew fornitur ta' servizz dwar oġġett, prodott jew servizz għandha tkun koperta biss meta l-materja jkun fiha element ta' interess pubbliku, pereżempju fir-rigward ta' prodott jew servizz li jonqos milli jikkonforma mal-istandards ambjentali jew ta' sikurezza.

(19) L-attivitajiet ta' persuna jew entità f'għajnejn il-pubbliku jew ta' interess pubbliku huma wkoll kwistjonijiet ta' interess pubbliku li għalihom il-pubbliku jista' leġittimament jieħu interess fihom. Madankollu, ma hemm l-ebda interess leġittimu involut meta l-uniku għan ta' dikjarazzjoni jew attività li tikkonċerna tali persuna jew entità jkun li jissodisfa l-kurżità ta' udjenza partikolari fir-rigward tad-dettalji tal-ħajja privata ta' persuna.

(20) Il-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi tipikament jinvolvu tattiċi ta' litigazzjoni użati b'rieda ħażina bħal dewmien tal-proċedimenti, li jikkawżaw spejjeż sproporzjonati lill-konvenut fil-proċedimenti jew fl-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni. Dawn it-tattiċi jintużaw mill-attur għal skopijiet oħra minbarra li jikseb aċċess għall-ġustizzja. Dawn it-tattiċi ta' spiss ikunu, għalkemm mhux dejjem, ikkombinati ma' diversi forom ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid.

(21) Dimensjoni transfruntiera tal-iSLAPPs iżżid mal-kumplessità u l-isfidi li jiffaċċjaw il-konvenuti, peress li jeħtieġ li jittrattaw il-proċedimenti f'ġuriżdizzjonijiet oħra, xi drabi f'diversi ġuriżdizzjonijiet fl-istess ħin. Dan, min-naħa tiegħu, jirriżulta fi spejjeż u piżijiet addizzjonali b'konsegwenzi saħansitra aktar negattivi.

(22) Materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri ħlief jekk iż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita. Anki meta ż-żewġ partijiet ikunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita, il-materja għandha titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet oħrajn. L-ewwel sitwazzjoni hija meta l-att speċifiku ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed. Dan jinkludi pereżempju l-parteċipazzjoni pubblika f'avvenimenti organizzati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħal dehriet f'seduti pubbliċi, jew stqarrijiet jew attivitajiet dwar materji li huma ta' rilevanza speċifika għal aktar minn Stat Membru wieħed, bħat-tniġġis transfruntier jew allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus b'involviment transfruntier potenzjali. It-tieni sitwazzjoni fejn materja jenħtieġ li titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri hija meta l-attur jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew proċedimenti tal-qorti fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenuti jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor. Dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet iqisu l-kuntest speċifiku tal-iSLAPPs.

(23) Il-konvenuti għandhom ikunu jistgħu japplikaw għas-salvagwardji proċedurali li ġejjin: talba għal garanzija li tkopri l-ispejjeż tal-proċedimenti, jew tal-ispejjeż tal-proċedimenti u tad-danni, u talba għal ċaħda bikrija ta' proċedimenti tal-qorti

manifestament infondati, talba għal rimedji kontra proċedimenti abbużivi bil-qorti (aġġudikazzjoni tal-ispejjeż, kumpens għad-danni u penali), jew kollha kemm huma fl-istess ħin.

(24) F'xi proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika, l-atturi jirtiraw jew jemendaw b'mod deliberat it-talbiet jew is-sottomissjonijiet sabiex jevitaw l-għoti tal-ispejjeż lill-parti rebbieħa. Din l-istrateġija legali tista' ċċaħħad lill-qorti jew lit-tribunal mis-setgħa li jirrikonoxxi n-natura abbużiva tal-proċediment ġudizzjarju, u tħalli lill-konvenut mingħajr l-ebda possibbiltà li jiġi rimborżat għall-ispejjeż proċedurali. Għalhekk jenħtieġ li tali rtirar jew emendi ma jaffettwawx il-possibbiltà li l-qrati aditi jimponu rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi.

(25) Jekk it-talba prinċipali tiġi miċħuda aktar tard fil-proċedimenti ordinarji, il-konvenut xorta jista' jibbenefika minn rimedji oħrajn kontra proċedimenti abbużivi tal-qorti bħall-għoti ta' spejjeż u kumpens għad-danni.

(26) Sabiex il-konvenut jiġi pprovdut b'salvagwardja addizzjonali, għandu jkun hemm il-possibbiltà li jingħata garanzija biex ikopri l-ispejjeż proċedurali u/jew id-danni, meta l-qorti tqis li anke jekk it-talba ma tkunx manifestament infondata, hemm elementi li jindikaw abbuż tal-proċedura u l-prospetti għas-suċċess fil-proċedimenti ewlenin ikunu baxxi. Garanzija ma tinvolvix sentenza fuq il-merti iżda sservi bħala miżura kawtelatorja li tiżgura l-effetti ta' deċiżjoni finali li ssib abbuż ta' proċedura. Għandu jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk għandhiex tiġi ordnata garanzija mill-qorti fuq mozzjoni tagħha stess jew fuq talba mill-konvenut.

(27) Sospensjoni tal-proċedimenti, meta jkun tressaq rikors għal ċaħda bikrija, tiżgura li l-attività proċedurali tiġi sospiża, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż proċedurali tal-konvenut.

(28) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt fuq l-aċċess għal rimedju effettiv, is-sospensjoni trid tkun temporanja u miżmuma sakemm tittieħed deċiżjoni finali fuq ir-rikors. Deċiżjoni finali tfisser deċiżjoni li ma għadhiex soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

(29) Sabiex tiġi żgurata ħeffa kbira fil-proċedura mħaffa fuq rikors għal ċaħda bikrija, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għaż-żamma ta' seduti jew sabiex il-qorti tieħu deċiżjoni. Huma jistgħu jadottaw ukoll skemi simili għal proċeduri fir-rigward ta' miżuri provviżorji. L-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi biex jiżguraw li meta l-konvenut ikun ressaq rikors għal salvagwardji proċedurali oħrajn, id-deċiżjoni tittieħed ukoll b'ħeffa. Għal trattament rapidu, l-Istati Membri jistgħu jqisu, fost l-oħrajn, jekk ir-rikorrent ikunx beda proċedimenti multipli jew miftiehma f'materji simili u l-eżistenza ta' tentattivi ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddid lill-konvenut.

(30) Jekk konvenut ikun ressaq rikors għal ċaħda bikrija, jenħtieġ li l-attur fil-proċedimenti prinċipali jġib prova fil-proċedura mħaffa li t-talba ma hijiex manifestament infondata. Dan ma jirrappreżentax limitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, meta jitqies li l-attur iġorr l-oneru tal-prova fir-rigward ta' dik it-talba u jeħtieġlu biss li jissodisfa l-limitu ħafna aktar baxx li juri li t-talba ma hijiex manifestament infondata sabiex tiġi evitata ċaħda bikrija.

(31) L-ispejjeż għandhom jinkludu l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż sħaħ tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi. L-ispejjeż tar-rappreżentanza legali li jaqbżu l-ammonti stabbiliti fit-tabelli tat-tariffi statutorji ma għandhomx jitqiesu bħala eċċessivi per se. Il-kumpens sħiħ għad-danni għandu jinkludi kemm danni materjali kif ukoll immaterjali, bħall-ħsara fiżika u psikoloġika.

(32) L-għan ewlieni li l-qrati jew it-tribunali jingħataw il-possibbiltà li jimponu penali huwa sabiex l-atturi potenzjali jkunu skoraġġiti milli jifthu proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Tali penali jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-elementi ta' abbuż identifikati. Meta jistabbilixxu l-ammonti għal penali, il-qrati jistgħu jqisu l-potenzjal ta' effett dannuż jew dissważiv tal-proċedimenti fuq il-parteċipazzjoni pubblika, inkluż fir-rigward tan-natura tat-talba, jekk ir-rikorrent ikunx beda proċedimenti multipli jew miftiehma f'materji simili u l-eżistenza ta' tentattivi ta' intimidazzjoni, fastidju jew theddida għall-konvenut.

(33) Fil-kuntest transfruntier, huwa importanti wkoll li tiġi rikonoxxuta t-theddida tal-iSLAPPs minn pajjiżi terzi mmirati lejn il-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u persuni oħrajn involuti fil-parteċipazzjoni pubblika li huma ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jinvolvu danni eċċessivi mogħtija kontra ġurnalisti tal-UE, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn. Il-proċedimenti tal-Qorti f'pajjiżi terzi huma aktar kumplessi u għaljin għall-persuni fil-mira. Sabiex jiġu protetti d-demokrazija u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi evitat li s-salvagwardji previsti minn din id-Direttiva jiġu mminati minn rikors għal proċedimenti ġudizzjarji f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, huwa importanti li tiġi pprovduta protezzjoni wkoll kontra proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati u abbużivi f'pajjiżi terzi.

(34) Din id-Direttiva toħloq raġuni speċjali ġdida ta' ġuriżdizzjoni sabiex jiġi żgurat li l-persuni fil-mira ta' SLAPPs iddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jkollhom rimedju effiċjenti disponibbli fl-Unjoni kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi mressqa f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz. Din il-bażi speċjali ta' ġuriżdizzjoni tippermetti li l-persuni fil-mira li jkunu ddomiċiljati fl-Unjoni Ewropea jfittxu, fil-qrati jew fit-tribunali tad-domiċilju tagħhom, kumpens għad-danni u għall-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz. Dan id-dritt japplika irrispettivament mid-domiċilju tal-attur fil-proċedimenti fil-pajjiż terz.

(35) Din id-Direttiva trid tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni li strumenti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali jipprevedu għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika. B'mod partikolari, dan bl-ebda mod ma jnaqqas il-protezzjoni offruta mid-Direttiva 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni[27], kif implimentata fid-dritt nazzjonali. Fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva 2019/1937, il-protezzjoni offruta miż-żewġ atti għandha għalhekk tapplika.

(36) Din id-Direttiva tikkomplementa r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"). Din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u tipprovdi sett komprensiv ta' miżuri li jinkludu t-taħriġ, it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ għall-persuni fil-mira ta' proċedimenti ġudizzjarji abbużivi u l-ġbir tad-*data*, ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika.

(37) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-

[27] ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17-56.

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u ma hijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(38) [F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma hijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-direttiva u ma hijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha] JEW

(39) [F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda innotifikat [, b'ittra ta'…,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.]

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

# Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tipprovdi salvagwardji kontra proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri miġjuba kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi, b'mod partikolari ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, minħabba l-involviment tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tapplika għal materji ta' natura ċivili jew kummerċjali b'implikazzjonijiet transfruntieri, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Din ma għandhiex tiġi estiża, b'mod partikolari, għal dħul, materji doganali jew amministrattivi jew għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċiżżju tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. **"parteċipazzjoni pubblika"** tfisser kwalunkwe dikjarazzjoni jew attività minn persuna fiżika jew ġuridika espressa jew imwettqa fl-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku u azzjoni preparatorja, ta' appoġġ jew ta' assistenza marbuta direttament magħha. Dan jinkludi l-ilmenti, il-petizzjonijiet, it-talbiet amministrattivi jew ġudizzjarji u l-parteċipazzjoni f'seduti pubbliċi;
2. **"materja ta' interess pubbliku"** tfisser kwalunkwe materja li taffettwa lill-pubbliku sa tali punt li l-pubbliku jista' b'mod leġittimu jieħu interess fiha, f'oqsma bħal:
   (a) is-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-klima jew it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali;
   (b) l-attivitajiet ta' persuna jew entità b'viżibbiltà pubblika jew ta' interess pubbliku;
   (c) materji taħt kunsiderazzjoni pubblika jew rieżami minn korp leġiżlattiv, eżekuttiv jew ġudizzjarju, jew kwalunkwe proċediment uffiċjali pubbliku ieħor;
   (d) allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, frodi jew kriminalità;
   (e) attivitajiet immirati lejn il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni;
3. **"proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"** tfisser proċedimenti ġudizzjarji mressqa fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika li huma

kompletament jew parzjalment infondati u li għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteċipazzjoni pubblika. Indikazzjonijiet ta' tali skop jistgħu jkunu:

(a) in-natura sproporzjonata, eċċessiva jew mhux raġonevoli tat-talba jew ta' parti minnha;

(b) l-eżistenza ta' proċedimenti multipli mibdija mill-attur jew mill-partijiet assoċjati fir-rigward ta' materji simili;

(c) intimidazzjoni, fastidju jew theddid min-naħa tal-attur jew tar-rappreżentanti tiegħu.

*Artikolu 4*

**Materji b'implikazzjonijiet transfruntieri**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, materja titqies li għandha implikazzjonijiet transfruntieri sakemm iż-żewġ partijiet ma jkunux iddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti vestita.

2. Meta ż-żewġ partijiet fil-proċedimenti jkunu ddomiċiljati fl-istess Stat Membru bħall-qorti adita, il-materja għandha titqies ukoll li għandha implikazzjonijiet transfruntieri jekk:

(a) l-att ta' parteċipazzjoni pubblika li jikkonċerna materja ta' interess pubbliku li kontrih jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jkun rilevanti għal aktar minn Stat Membru wieħed, jew

(b) l-attur jew l-entitajiet assoċjati jkunu bdew proċedimenti ġudizzjarji fl-istess ħin jew preċedenti kontra l-istess konvenut jew konvenuti assoċjati fi Stat Membru ieħor.

KAPITOLU II

## Regoli komuni dwar is-salvagwardji proċedurali

*Artikolu 5*

**Rikorsi għal salvagwardji proċedurali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jitressqu proċedimenti ġudizzjarji kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi minħabba l-involviment tagħhom fil-parteċipazzjoni pubblika, dawk il-persuni jistgħu jippreżentaw rikors għal:

(a) garanzija f'konformità mal-Artikolu 8;

(b) ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati f'konformità mal-Kapitolu III;

(c) rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi f'konformità mal-Kapitolu IV.

2. Tali rikorsi għandhom jinkludu:

(a) deskrizzjoni tal-elementi li fuqhom huma bbażati;

(b) deskrizzjoni tal-evidenza ta' sostenn.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-miżuri dwar is-salvagwardji proċedurali f'konformità mal-Kapitoli III u IV jistgħu jittieħdu mill-qorti jew mit-tribunal adit bil-materja *ex officio*.

*Artikolu 6*

**Emenda sussegwenti tat-talba jew tas-sottomissjonijiet**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe emenda sussegwenti tat-talbiet jew tas-sottomissjonijiet mressqa mill-attur fil-proċedimenti prinċipali, inkluż it-twaqqif tal-proċedimenti, ma jaffettwawx il-possibbiltà li l-qorti jew it-tribunal aditi bil-materja jikkunsidraw il-proċedimenti ġudizzjarji bħala abbużivi u li jimponu rimedji f'konformità mal-Kapitolu IV.

*Artikolu 7*

**Intervent ta' terzi**

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li qorti jew tribunal aditi bi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika jkunu jistgħu jaċċettaw li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jissalvagwardjaw jew jippromwovu d-drittijiet ta' persuni involuti fil-parteċipazzjoni pubblika jkunu jistgħu jieħdu sehem f'dawk il-proċedimenti, jew b'appoġġ tal-konvenut jew sabiex jipprovdu informazzjoni.

*Artikolu 8*

**Garanzija**

L-istati Membri għandhom jiżguraw li fil-proċedimenti ġudizzjarji kontra l-parteċipazzjoni pubblika, il-qorti jew it-tribunal aditi jkollhom is-setgħa li jeħtieġu lill-attur jagħti garanzija għall-ispejjeż proċedurali, jew għall-ispejjeż u d-danni proċedurali, jekk iqisu li tali garanzija hija xierqa fid-dawl tal-preżenza ta' elementi li jindikaw proċedimenti ġudizzjarji abbużivi.

KAPITOLU III

# Ċaħda bikrija ta' proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati

*Artikolu 9*

**Ċaħda bikrija**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-qrati u lit-tribunali sabiex jadottaw deċiżjoni bikrija sabiex jiċħdu, totalment jew parzjalment, il-proċedimenti prinċipali kontra l-parteċipazzjoni pubblika bħala manifestament infondata.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt li jippreżentaw rikors għal ċaħda bikrija. Il-limiti ta' żmien għandhom ikunu proporzjonati u ma jirrendux dan l-eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

*Artikolu 10*

**Sospensjoni tal-proċedimenti prinċipali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk il-konvenut jitlob ċaħda bikrija, il-proċedimenti prinċipali jiġu sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni finali fuq dak ir-rikors.

*Artikolu 11*

**Proċedura mħaffa**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rikors għal ċaħda bikrija jiġi ttrattat fi proċedura mħaffa, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-kawża u d-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust.

*Artikolu 12*

**Oneru tal-provi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta konvenut ikun talab ċaħda bikrija, għandu jkun l-attur li jipprova li t-talba ma hijiex manifestament infondata.

*Artikolu 13*

**Appell**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni li tiċħad jew li tilqa' ċaħda bikrija skont l-Artikolu 9 tkun soġġetta għal appell.

KAPITOLU IV

## Rimedji kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi

*Artikolu 14*

**Aġġudikazzjoni tal-ispejjeż**

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li attur li jkun ippreżenta proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika jkun jista' jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż kollha tar-rappreżentanza legali mġarrba mill-konvenut, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux eċċessivi.

*Artikolu 15*

**Kumpens għad-danni**

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara bħala riżultat ta' proċedimenti abbużivi tal-qorti kontra l-parteċipazzjoni pubblika tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara.

*Artikolu 16*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-qrati jew it-tribunali aditi bi proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika jkollhom il-possibbiltà li jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq il-parti li tkun ressqet dawk il-proċedimenti.

KAPITOLU V

## Protezzjoni kontra sentenzi ta' pajjiżi terzi

*Artikolu 17*

**Raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż terz**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' pajjiż terz fi proċedimenti ġudizzjarji minħabba l-parteċipazzjoni pubblika minn persuna fiżika jew ġuridika domiċiljata fi Stat Membru jiġu miċħuda bħala manifestament kontra l-politika pubblika (*ordre public*) jekk dawk il-proċedimenti kienu jitqiesu manifestament infondati jew abbużivi kieku kellhom jitressqu quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jintalab ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni u kieku dawk il-qrati kellhom japplikaw il-liġi tagħhom stess.

*Artikolu 18*

**Ġuriżdizzjoni għal azzjonijiet kontra sentenzi ta' pajjiżi terzi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta proċedimenti ġudizzjarji abbużivi għall-involviment f'parteċipazzjoni pubblika jkunu tressqu f'qorti jew tribunal ta' pajjiż terz kontra persuna fiżika jew ġuridika ddomiċiljata fi Stat Membru, dik il-persuna tista' titlob, fil-qrati jew fit-tribunali tal-post fejn tkun iddomiċiljata, kumpens għad-danni u l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-proċedimenti quddiem il-qorti jew it-tribunal tal-pajjiż terz, irrispettivament mid-domiċilju tal-attur fil-proċedimenti fil-pajjiż terz.

KAPITOLU VI

## Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 19*

**Relazzjoni mal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007**

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata f'Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007.

*Artikolu 20*

**Rieżami**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mhux aktar tard minn [*ħames (5) snin mid-data tat-traspożizzjoni*]. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni għandha sa mhux aktar tard minn [*6 snin mid-data tat-traspożizzjoni*], tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji abbużivi kontra l-parteċipazzjoni pubblika u tal-impatt ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għall-emenda ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [*sentejn (2) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 22*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 23*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |